**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Nru: 1073/02 AJD**
**Frank Borda Limited**

**vs**

**Mario Degiorgio u Rita Degiorgio**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April 2002 fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhalsuha s-somma ta' mija u tlieta u sittin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm163.94) rapprezentanti import fuq kambjalijiet skaduti u mhux imhallsa u mghaxijiet fuqhom.
Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew: (i) il-pagament in kwantu jirrigwarda l-kambjali; u (ii) Li meta huma rcevew ittra nterpellatorja datata 18 ta' Settembru 2001 minghand il-konsulent legali tas-socjeta' attrici huma kienu rrispondew permezzz ta' ittra datata 26 ta' Settembru 2002 fejn talbu 'statement' in kwantu jirrigwarda l-imghaxijiet li kienu ghadhom dovuti. Malli rcevew dan l-'istatement' huma talbu li jhallsu l-bilanc dovut f'pagamenti rateali izda qatt ma rcevew risposta f'dan ir-rigward minghand is-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Mary Grace Darmanin u tal-konvenuti. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra.

Illi fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Gunju 2002, il-konvenut Mario Degiorgio ammetta li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fil-kawza odjerna kien ghadu dovut minnu u minn martu izda rribadixxa dak li kien qal fir-risposta fis-sens li huwa kien talab lis-socjeta' attrici tikkoncedielu aktar zmien sabiex jeffetwa l-pagament relattiv izda huwa kompla jispjega li qatt ma rcieva risposta minghand is-socjeta' attrici . Il-konvenuta l-ohra, Rita Degiorgio, wkoll ikkonfermat din il-verzjoni.

Illi mill-provi jirrizulta li fl-ittra datata 26 ta' Settembru 2001 ( a fol. 25), il- konvenut talab lil konsulent legali tas-socjeta' attrici sabiex jibghatlu 'statement'  u spjega li " if a balance is due by me to Frank Borda Limited, I am presently only in a position to pay off this balance by

installments”. Jirrizulta wkoll li dan l-istatement intbaghat permezz ta’ ittra datata 2 ta’ Ottubru 2001 u li fid-29 ta’ Novembru 2001 regghet intbaghtet ittra nterpellatorja lill-konvenuti ( a fol. 27 ). Jidher ghalhekk li l-konvenuti Degiorgio effettivament ma talbux lis-socjeta’ attrici l-fakulta’ li jhallsu l-bilanc dovut f’pagamenti rateali, kull ma ghamlu kien li nfurmawha li huma ma kienux f’posizzjoni finanzjarja li jhallsu l-ammont kollu f’daqqa u fi kwalsiasi kaz ma jirrizultax li s-socjeta’ attrici qatt waslet f’xi arrangjament mal-konvenuti fejn accettat li huma jhallsu l-bilanc dovut minnhom f’pagamenti rateali.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tlieta u sittin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm163.94).

L-ispejjes ta’ din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**